MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1713/2003

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Robert Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Settembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u hames liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm105.20), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21235180 liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali 18, Triq Santu Wistin, Hamrun, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz u markat Dok.A, u kuntratt relattiv markat Dok.B;**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u imghaxijiet legali.**

**Ra illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003 deher il-konvenut li ddikjara li l-ammont mhux dovut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-15 ta' Jannar, 2004, fejn intqal :**
**Illi t-talba attrici qed tigi kontestata stante illi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici billi s-somma mitluba mhijiex dovuta mill-konvenut billi ma tirriflettix telefonati li saru mill-linja tat-telefon tal-konvenut 21235180, izda huma donazzjonijiet li saru minn terzi injoti tramite s-socjeta` attrici lill-entitajiet filantropici jew mod iehor, u li gew inkluzi bi zball jew b'qerq kommess mis-socjeta` attrici jew minn ohrajn fuq il-konvenut kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u li kwindi l-konvenut mhuwiex responsabbli jhallas din is-somma.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta` attrici, u tal-konvenut Robert Zammit.**

**Ikkunsidra :**
**1. It-talba tas-socjeta` attrici hija dwar is-servizz telefoniku li jgib in-numru 21235180. Gie esebit id-Dok.A li minnu hemm dak li s-socjeta` attrici qed tippretendi ghall-perjodu mill-11 ta' Marzu, 2000 sal-1 ta' Novembru, 2002.**
**2. It-Tribunal qed jaghti hafna affidabilita` ghal dak li xehed il-konvenut. Dana fil-fatt stqarr li hu ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici. Il-konvenut gustament ilmenta illi, u dana jirrizulta mid-diversi dokumenti esebiti mill-istess konvenut, kienu qed jigu attribwiti fuq il-linja tieghu telefonati ta' donazzjonijiet. Gie ccarat li hu qatt ma kien ghamel dawn id-donazzjonijiet. Fil-fatt is-socjeta` attrici innutat l-izball li sar u regghet lura fejn kien hemm zball. Pero` jidher li dan l-izball baqa' jirrepeti ruhu. Kull darba il-konvenut kien qed ikollu jerga' jikkomunika mas-socjeta` attrici biex tirranga l-affarijiet. Jidher li f'Lulju, 2000 ircieva kont mis-socjeta` attrici, b'donazzjonijiet**

**li ma kienux dehru qabel, u peress illi s-socjeta` attrici kienet gja hallsithom, dehrilha li ghandu jhallashom il-konvenut.**

**3. It-Tribunal iqies inacettabbli dak li qed titlob is-socjeta` attrici. It-Tribunal ma jistghax ma jinnutax li s-socjeta` attrici dehret insensittiva sa l-ahhar ghal dak kollu li ghadda minnu il-konvenut, u minflok ma skuzat ruhha ghal dak li gara, jew b'xi mod ippruvat tirrimedja l-izball, irrinfaccat lill-konvenut b'aktar kontijiet, kontijiet li ma huma b'ebda mod dovuti mill-konvenut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------